# ĦAL LUQA

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## It-TMIEN KUNSILL

**SEDUTA NRU. 45 – It-Tnejn 27 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , it-Tnejn 27 ta' Marzu 2023

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 43**

**Is-Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 43, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ġibed l-attenzjoni li l-emenda proposta mis-Sindku John Schembri ma tistax tiġi aċċettatha għaliex il-performance bonus diskuss u approvat kien a bażi tas-sena 2022. Is-Sindku nfurma li

Is-Sindku John Schembri qal li din l-emenda ġiet ippreżenatha wara li ttieħdu l-pariri neċessarji u m'hemm xejn illegali fiha. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill obbligat jimxi mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, iżda d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħasset li din il-kwistjoni kellha tittella' għad-diskussjoni tal-Kunsill u l-Kunsill iddeċieda li japprova 5% minflok 4%.

Il-Kunsillier Eric Camilleri rrimarka kif informazzjoni kunfidenzjali u mhux veritiera nħarġet mil-laqgħa u ngħatat lill-impjegat in kwistjoni, bil-konsegwenza li issa mhux tkellmu. Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li hija pastażata li hemm minn qed jiprova juża din il-kwistjoni bħala pika partiġġjana, għaliex il-Kunsill Lokali qatt ma mexa b'dan il-mod mal-impjegati tiegħu.

Il-Kunsillier Andrew Cassar qal li lejlet il-laqgħa hu tkellem mal-impjegata in kwistjoni fejn uritu chat li kellha mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn infurmatha li se ċċaqlaq il-camera. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li hi lesta teżibixxi l-fillmati bid-dati u c-chat li qed isemmi l-kunsillier Cassar.

Is-Sindku nfurma li ltaqa' mal-impjegata, fil-preżenza tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn ingħatat KPI's sabiex timxi magħhom u ħeġġeġ lill-impjegata sabiex meta jkollha diffikulta' tirreferi għandu jew għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u mhux tieħu pariri mingħand persuni li m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-Kunsill u m'għandhomx il-kompetenza jagħtu pariri. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk l-impjegata tħossha nġurjata b'xi mod, għandha dritt tiftaħ każ mal-union.

Is-Sindku John Schembri qal li dan il-każ qed jingħalaq b'mod immedjat u talab l-approvazzjoni tal-Minuti.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

Il-Minuti ġew approvati.

## 2 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 44

2.1 **Is-Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 43, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Eric Camilleri ssekonda.

Il-Minuti Nru 44 ġew approvati b'mod unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li nħarġu numru ta' skemi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona li ssir Seduta apposta sabiex il-membri jkollhom l-opportunita' jippreżentaw l-ideat tagħhom.

Is-Sindku John Schembri nfurma li r-Reġjun Nofsinhar għadu kif ħareġ pubblikazzjoni relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa fir-Reġjun. Dawn il-kotba jiswew € 10 'l wieħed u ppropona li l-Kunsill jixtri 10 kotba. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

Is-Sindku John Schembri nfurmat li d-Direct Order Request Form għax-xiri ta' vann elettriku ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qed nistennew l-approvazzjoni.

Is-Sindku John Schembri nfurma li x-xogħlijiet fuq il-letrina pubblika fi Triq Dun Pawl jinsabu għaddejjin kif skedati. Is-Sindku nfurma li tlesta x-xogħol ta' drenaġġ u fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tingħata t-torba u x-xogħol jibda' jingħalaq.

Is-Sindku John Schembri nfurma li tlabna mal-Perit dwar it-technical specifications relatati mat-tender tal-proġett ta' Ħal Farruġ. Malli dan id-dokument ikun f'idejna jkun possibli li jinħareġ it-tender għax-xogħlijiet.

Is-Sindku John Schembri nfurma li nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu se jinżamm football tournament bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, li l-fondi miġbura minnu se jmorru kollha għal karita'. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal din l-attivita'.

**SKEDA U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2023.

Il-Kunsillier Andrew Cassar ppropona l-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-pagamenti ġew approvati b'mod unanimu.

.

## 4 TMIEM TAL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' April 2023, fil-5.30p.m.

Minuti ġew approvati llum, l________________________

________________________

**John Schembri**
SINDKU

________________________

**Karen Camilleri**
Deputat Segretarju Eżekuttiv